# MARZU TIEGĦI

*Ta'* Pawlu Aquilina

U Marzu reġa' hawn......
Marzu ta' qalbi,
Li ttini l-ewwel sliem, l-isbaħ tbissima
Ta' sena oħra ġdida!
Wara l-irjieħ ivenvnu,
Wara l-beraq u r-ragħ'd u x-xita tfaqqa'
U l-kesħa li ħaditli n-nannu tiegħi,
Erġajt quddiemi, hieni,
Wieqaf, sabiħ, titbissem
Fl-aħdar ta' ġol-widien u ta' fuq l-għolja,
Fil-warda ta' l-ingliża ġo l-għelieqi
U fin-nisġiet tal-ward tal-ġonna tiegħi!
Minn fomm l-għakiesi tas-sigriet imnezza',
Hiereġ ukoll titbissem u tithenna
U ssebbaħ kulliemkien b'ilbies tal-ġenna.
Bħalhom tlibbisni int:
Bil-ferħ, bil-hena,
X'ħin tiġi fejni bl-ewwel ward tas-sena.

Inħobbok, Marzu tiegħi......
Inħobbok tgħanni ma' l-għasafar tagħna,
Hienja bl-imħabba ġdida,
Igorru ferħanin ir-rix, il-weraq,
It-tiben il-ħuxlief......
Biex jinsġu l-bejta fil-ħitan u s-siġar
Tal-ġonna ħiemda tagħna —
Tal-ġonna mimlijin bil-linfi ħodor
Tas-siġar tal-larinġ u l-mandolina
U tqal bil-bozoz ħomor —
Ħomor itajru n-nar —
U ġewwa l-bozoz
Moħbija l-benna ta' din l-art Maltija.

Inħobbok, Marzu tiegħi......
Inħobbok, bla serħan, tittajjar, bieżel
Man-naħal bil-mijiet,

Minn warda għal l-oħra bla ma tgħeja qatt!
Ġo ġuf il-ġiżi jfuħ,
Ġo ġuf il-freżja;
Għid inti kemm iddum mitluf fil-benna
Ta' qalbhom safja, ħelwa?
Għid inti, Marzu tiegħi,
Hemmx benna oħla, ħlief fil-ward tal-ġenna?
U meta toħroġ minn ġo qalbhom bnina
Tfawwar bil-għasel li saffejt b'ilsienek
Ittir man-naħla ġewwa l-qolla mwarrba
Fil-miġbħa ta' ġol-ġnien, siekta, xemxija!

Inħobbok, Marzu tiegħi.....
Inħobbok turi dawk ħaddejk mimlija,
Ilewnu sbieħ...
U rotob bħal bellus;
Tiżfen
Fil-ward tal-ġonna,
Tfewwaħ
U tgħanni ma' kull warda
L-għanja sabiħa ta' ħajjitha f'ħajtek!
Ma' ġenbek hemm il-vaska donnha mera
U fiha rajtek ħieni
Fil-ħut ħamrani — ġo kull ġnien ta' Malta.

Inħobbok, Marzu tiegħi......
Inħobbok tleqq max-xemx sabiħa, sħuna,
Tmelles ir-raba' tagħna
U twelled fih il-Ħajja tagħna kbira!
Inħobbok ġewwa l-wied, nieżel ma' l-għolja,
Tleqq man-nixxiegħa donnok fidda tilma.
Inħobbok tul il-lejl,
Mal-qamar safi mimli,
Tħares bil-ħlewwa żżeffen il-benniena
Tal-Ħajja tagħna għajjiena.

Inħobbok, Marzu tiegħi......
Bin-nhar, bil-lejl...
U dejjem.
Fil-għodwa,

Fiż-żerniq,
Jew fil-għaxija
Inħossni rrid indub ġo ruħek ħelwa
Ġo qalbek, ħienja, kbira —
Biex nogħla ma' l-għasafar...
U ntir ħafif man-naħla
U nimla qalbi b'nifs il-ward ifewwaħ,
Tal-għolja, ta' ġol-wied jew ta' ġol-ġonna.

Hekk, Marzu tiegħi, sirt inħobbok jiena......
Hallini fik nistrieħ fil-ħolm ta' qalbi
Nistrieħ... nistrieħ...
Għax qalbi nħossha għajjiena!